MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 731/2013

**Transmec Services Limited (C-6952)**

**Vs**

**Anthony Zerafa (K.I. 297067M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tlett mija tnejn u sittin ewro u erbgha u sittin centezmu (€1,362.64c), mitluba b’dan l-avviz tirraprezenta bilanc ta’ prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

L-ammont mitlub ghadu dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici.

Il-konvenut baqa' nadempjenti minkejja diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa huwa ngunta ghas-subizzjoni tieghu.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici prezentata nhar id-29 ta' Mejju, 2014 li biha rriduciet l-ammont tat-talba taghha ghal tmien mija u tnejn u sittin ewro u erbgha u sittin centezmu (€862.64) u dan filwaqt li zammet shah it-talbiet ghall-ispejjez u l-imghax.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta' Mejju, 2014 mill-Avukat Dr Carl Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u tnejn u sittin ewro u erbgha u sittin centezmu (€862.64) hekk kif ridott bin-nota tad-29 ta' Mejju, 2014 u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, skont il-ligi u hekk kif mitlub fl-avviz ta' din it-talba, sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------